Kunsill Reġjonali Ċentru

MINUTI

Laqgħa tar-Reġjun Numru 50

# IT-TIELET LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 50

Il-Ħamis 27 ta' Mejju, 2021

Il-Kunsill Reġjonali Ċentru ltaqa' onlajn permezz tal-programm Microsoft Teams, fil-5:30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI ONLAJN:

Is-Sur Michael Fenech Adami – President
Is-Sur Stefan Cordina – Sindku Ħ'Attard
Is-Sur Clayton Luke Mula – Viċi Sindku San Ġiljan
Is-Sur Gianluca Falzon – Viċi Sindku Santa Venera
Is-Sa. Graziella Attard Previ – Viċi Sindku tas-Sliema
Is-Sur Maximillian Zammit – Sindku Ta' Xbiex
Is-Sur Conrad Borg Manchè – Sindku Gżira
Is-Sinjura Joanne Debono Grech – Sindku Birkirkara
Is-Sur Trevor Fenech – Sindku San Ġwann
Is-Sinjura Margaret Baldacchino Cefai –Sindku l-Imsida
Is-Sur Anthony Dalli – Sindku Ħal Lija

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Dott. Angelo Micallef - Viċi Sindku Ħal Balzan

ASSENTI

Dott. Dorian Sciberras –Sindku Iklin
Is-Sur Keith Tanti –Sindku Pieta'

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Is-Sinjura Jeanette Galea – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, qal it-talba w ippresjeda l-laqgħa.

## 50.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

50.1.1 Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, informa lill-membri li dan ir-Reġjun kien irċieva ittra ta' apoloġija mingħand Dott. Angelo Micallef.

50.1.2 Il-membri preżenti aċċettaw din l-apoloġija.

## 50.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

50.2.1 Il-Minuti tas-Seduta numru 46 li saret nhar il-Ħamis 25 ta' Frar 2021 kienu meħuda bħala moqrija.

50.2.2 Il-minuti kienu approvati unanimament fuq proposta tas-Sindku ta' l-Imsida, is-Sa Margret Baldacchino Cefai, u sekondati mis- Sindku ta' Ħal Lija, is-Sur Anthony Dalli.

## 50.3 Komunikazzjoni mill-President

- ***Aġġornament fuq il-European Region of Sports 2023***

50.3.1 Il-President għamel referenza għal din l-applikazzjoni u spjega kif il-Ħamis 29 ta' April 2021 kelli laqgħa mad-Direttur Ġenerali, is-Sur Natalino Attard, flimkien mad-Direttur għal monitoraġġ u sapport, is-Sur Chris Galea, u l-Assistant Direttur, is-Sur Vincent Vella.

50.3.2 Is-Sur Fenech Adami żied jgħid kif fl-istess ġurnata nżammet laqgħa oħra mal-kelliema għall-opozzizzjoni għall-isport u l-Kunsilli Lokali, is-Sur Clyde Puli flimkien mas-Sur Karl Gouder

50.3.3 Is-Sur Fenech Adami qal ukoll dwar il-laqgħa li nżammet nhar it-Tlieta 4 ta' Mejju 2021 kelli laqgħa mas-Segretarju Parlamentari għall-iSport, Rikreazzjoni u Għaqdiet Volontarji, l-Onorevoli Dr Clifton Grima.

50.3.4 B'sodisfazzjon qal li kulħadd were sapport u kien hemm qbil ma kulħadd li għandhom jitkomplew id-diskussjonijiet ġaladarba l-applikazzjoni tiġi approvata.

50.3.5 Għal din ir-raġuni huwa xtaq li jkun hemm mill-inqas żewġ membri oħra sabiex jinħoloq kumitat sabiex jiġi pprepata *official dossier* li jrid ikun ippreparat u ppreżentat sa' l-aħħar ta' Settembru 2021. Il-membri għandhom juru l-interess tagħhom sal-laqgħa tar-Reġjun li jmiss.

50.3.6 Is-Sur Fenech Adami informa lill-membri kif matul il-ġimgħat li għaddew, hu bagħat ittri kif ukoll emejls lil kull Assoċċjazzjoni sportiva fi ħdan ir-Reġjun sabiex naraw humiex interessati li jipparteċipaw. Hu żied jgħid kif kien hemm rispons tajjeb ħafna u fil-ġimgħat li ġejjin ser jibdew jinżammu laqgħat ma' dawk li wrew interess.

- ***Fondi taħt il-Commununity Innovation Fund***

50.3.7 Il-President spjega kif hu kien talab li tinżamm laqgħa mad-Direttur, is-Sa. Marisa Pisani, dwar il-fondi mgħotija taħt il-*Community Innovation Funds*.

50.3.8 Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sa. Jeanette Galea, qrat it-tweġiba mingħand is-Sa. Pisani lill-membri preżenti.

50.3.9 Il-President qal li għandu jitkellem mas-Segretarju Eżekuttiv ta' Birkirkara u ġaladara l-Kunsill Lokali jibgħat kopja ta' ċertifikazzjoni li l-van li nxtara huwa tajjeb sabiex iwassal lill-anzjani, dan il-każ ikun magħluq.

- **Aġġornament fuq il-proġett 'Nudging Active Travel'**

50.3.10 Il-President informa lill-membri dwar komunikazzjoni b'emejl mingħand is-Sur Carlos Canaz Sanz nhar l-1 ta' April 2021 u reġa bagħat it-tieni emejl nhar l-Erbgħa 14 ta' April 2021 peress li l-Kunsilli Lokali baqgħu ma bagħtu l-ebda risposta. Nitolbukom sabiex tagħmlu kuntatt miegħu mill-aktar fis possibli sabiex ikun jistà jitkompla l-Proġett.

50.3.11 Hu żied jgħid kif kien hemm xi Kunsilli Lokali li ħasbu li dan kien parti mal-proġett 'Slow Streets' li qed isir mill-AKL. Pero hu reġa spjega kif dawn iż-żewġ proġetti m'għandhomx xjaqsmu ma' xulxin.

- **Ingaġġar ta' Uffiċċjali mal-Kunsilli Reġjonali**

50.3.12 Il-President nhar il-Ġimgħa 7 ta' Mejju 2021 dettajli dwar dan l-ingaġġar kien intbagħat fuq il-grupp tal-whatsapp. Madanakollu l-ebda komunikazzjoni uffiċċjali ma waslet għand ir-Reġjun qabel il-Ħamis 20 ta' Mejju 2021. L-applikazzjonijiet għandhom jaslu sa mhux aktar tard minn nhar it-Tnejn 31 ta' Mejju 2021.

50.3.13 Il-President spjega wkoll li kien hemm problema fuq kif inħarġet is-sejħa l-ewwel darba. Madanakollu l-problema tranġat. Skond l-informazzjoni li ngħata, jidher li kien hemm madwar sitta biss applikazzjonijiet u għal din ir-raġuni huwa ħeġġeg lill-membri sabiex jinkuriġġu lin-nies biex japplikaw.

47.3.14 Il-President talab lill-membri sabiex jiġi ppreżentat ir-rapport mingħand l-accountant, is-Sa. Romina Perici Ferranta.

## 50.5 Rapporti

50.5.1 Il-President stieden lis-Sa. Romina Perici Ferrante sabiex tispjega r-rapport finanzjarja ta' l-ewwel kwart ta' din is-sena, wara li dan kien intbagħat flimkiem ma' l-aġenda permezz ta' emejl.

50.5.2 Wara l-ispjegazzjoni mingħand is-Sra. Romina Perici Ferrante, il-President ġibed l-attenzjoni dwar il-*bank charges* li ġew imposti mill-bank minħabba li t-total globali fil-kontijiet bankarju qabeż il-€1.5 miljun.

50.5.3 Is-Sur Fenech Adami spjega li għaddejja komunikazzjoni mad-Direttur Ġenerali, is-Sur Natlino Attard, flimkien mad-Direttur għal monitoraġġ u sapport, is-Sur Chirstopher Galea, sabiex jiġi indentifikat minn fejn ser ikun mnaqsa dawn it-tariffi.

50.5.4 Il-President irringrazzja lis-Sra. Romina Perici Ferrante ta' l-ispjegazzjoni dettaljata u talab lill-membri rresqu d-domandi tagħhom.

50.5.5 Peress li ma tressqu l-ebda domandi mill-membri preżenti, dan ir-rapport ġie approvat b'mod unanimu.

## 50.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Membri

50.4.1 Il-President, is-Sur Fenech Adami, informal ill-membri kif dan ir-Reġjun kien irċieva emejl mingħand is-Sindku ta' Ħ'Attard, is-Sur Stefan Cordina, rigward każ ta' kontravenzjoni

50.4.2 Is-Sindku ta' Ħ'Attard spjega li hu ma kellu l-ebda feedback mingħand il-persuna kkonċernata.

50.4.3 Il-President talaba lis-Sur Cordina sabiex iżomm lir-Reġjun aġġornat malli jkun hemm żviluppi ġodda.

## 47.6 Korsijiet provduta mill-Kunsill Reġjonali Ċentru

47.6.1 B'referenza għall-laqgħa preċedenti tar-Regjun, il-President spjega kif kellha tinżamm laqgħa rigward dan is-suġġett pero l-laqgħa kellha tiġi mħassra minħabba li s-Segretarji Eżekuttivi kienu għaddejjin bl-azzjonijiet industrijali.

47.6.2 Għal din ir-raġuni, s-Sur Fenech Adami qal li din il-laqgħa għandha tinżamm mill-aktar fiss possibli umbad id-deċiżjoni meħuda tiġi mressqa fil-laqgħa tal-Kunsill Reġjonali li ġej.

47.6.3 Is-Sindku ta' Ta' Xbiex, is-Sur Max Zammit, talab sabiex dan is-suġġett jiġi diskuss illum ġaladarba kienet imniżżla fuq l-aġenda.

47.6.4 Il-President spjega li d-dokumenti ma kienux qedin għandu u ma xtaqx li jkun hemm diskussjoni fit-tul waqt din il-laqgħa peress li diġa kien hemm ħafna affarijiet xi jridu jiġu diskussi minħabba li ma kienitx inżammet laqgħa fix-xahar preċedenti minħabba l-azzjonijiet industrijali mis-Segretarji Eżekuttivi.

47.6.5 Kien hemm qbil sabiex din il-laqgħa tinżamm nhar it-Tnejn 31 ta' Mejju 2021, fil-5pm, fil-boardroom ta' l-uffiċċju tar-Reġjun u l-President talab lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex tieħu ħsieb tinforma lill-membri kollha permezz ta' emejl uffiċċjali.

## 50.7 Uffiċini Ġodda għar-Reġjun Lvant

50.7.1 Il-President informa lill-membri kif ir-Reġjun irid jibda jaħseb għal uffiċini ġodda minħabba li l-lokalità ta' San Ġwann mhux ser tkun parti mir-Reġjun Lvant.

50.7.2 Is-Sur Fenech Adami spjega kif fi Frar 2021 is-Segretarju Eżekuttiv tar-Reġjun talbet direzzjoni talbet direzzjoni mingħand id-DGL dwar il-proċedura u ġejna nfurmati li dan ir-Reġjun irid jimxi maċ-Ċirkulari numru 13/2020 maħruġa mid-Dipartiment tal-Kuntratti fit-2 t'Ottubru 2020 – Procurement of Property Regulations S.L.601.12.

50.7.3 Hu spjega kif, skond din iċ-ċirkulari, l-ewwel pass kien li jkun hemm konsultazzjoni ma' l-awtoritajiet tal-GHvern li huma responsabli mill-amministrazzjoni tal-propjetà tal-Gvern u għal din ir-raġuni tresqet talba lill-Awtorità ta' l-Artijiet sabiex tinstab binja/propjetà tal-Gvern li tkun tistà tiġi devoluta lir-Reġjun.

50.7.4 Is-Sur Fenech Adami spjega kif ir-Reġjun identifika art li tinstab f'Pembroke madanakollu l-LA qalet li din ser tintuża mill-Gvern imma identifikat sit oħra li tinsab l-Iklin u li fil-preżent hija mmarkata bħala Green Area. Għalkemm hija 'green area', il-LA qed tinsisti li parti minn din is-sit għandha tkun intitolata għall-uffiċċini tar-Reġjun.

50.7.5 Il-President spjega wkoll kif is-Segretarju Eżekuttiv reġgħet talbat lid-Direttur Ġenerali tad-DGL sabiex naraw jekk kienx hemm xi deċiżjoni dwar it-Tribunali Lokali u għalkemm hu spjega li għad ma kienx hemm deċiżjoni, r-Reġjun huwa mitlub li jkun parti mill-uffiċċju tar-Reġjun.

50.7.6 Is-Sur Fenech Adami qal lill-membri li aġġornament dwar dawn id-diskussjonijiet sert jingħataw fil-laqgħa li jmiss.

## 50.8 *Items* oħra ta' Xogħol ieħor tar-Reġjun li jkunu meħtieġa

- ***Kuntratt ma' l-MTA***

50.8.1 Is-Sur Fenech Adami nforma lill-membri preżenti li dan ir-Reġjun kien irċieva kuntratt mingħand l-MTA rigward il-proġett tal-*virtual tours* fejn ser ikunu qed jipprovdu l-ammont ta' €90,000 mifruxa fuq perjodu ta' tliet snin.

50.8.2 Il-President spjega kif għal din ir-raġuni għandu bżonn jinħareġ Preliminary Market Consultation, liema kopja ntbagħat għall-attenzjoni tal-membri permezz ta' emejl.

50.8.3 Is-Sra Margaret Baldacchino Cefai, staqsiet jekk kienx żmien tajjeb li jsir dan il-proġett minħabba li l-lokalitajiet ser jinbidlu fi ftit xhur oħra.

50.8.4 Is-Sur Fenech Adami spjega kif dan ir-Reġjun għandu l-kuntratt ma' l-MTA sabiex jgħamel r-Reġjuni l-oħra wkoll fejn €5,000 huma għal kull Reġjun u kull sena biex isiru dawn il-proġetti. Hu żied jgħid ukoll kif kull Reġjun ser jingħata €5,000 pero kull Reġjun irid joħroġ €5,000 oħra sabiex isir dan il-proġett.

50.8.5 Il-President qal ukoll kif l-avukat tar-Reġjun, Dott. Richard Sladden, qiegħed jipprepara wkoll dawn il-kuntratti sabiex eventwalment jiġu ffirmati ma' kull Reġjun u fakkar li l-proġetti jinkludi l-postijiet kollha li huma kulturali u mhux knejjes biss. Dawn il-kuntratti ser jiġu mressqa fil-laqgħa tar-Reġjun li jmiss għall-apprvazjoni tal-membri.

50.8.6 Fuq l-approvazzjoni tal-membri preżenti, r-rapport ser ikun ippublikat fuq is-sistema ta' l-ePPS nhar it-Tlieta 9 ta' Ġunju 2021 għal perjodu ta' tliet ġimgħat.

- *Data Protection Officer (DPO)*

50.8.7 Il-President informa lill-membri kif il-kuntratt preżenti għal servizz ta' Data Protection Officer (DPO) ma' BOOM Consultancy and Advisory għal perjodu ta' sena ġie fi tmiemu fil-31 ta' Marzu 2021. Għal din ir-raġuni, il-Kunsill Reġjonali ġabar il-kwotazzjonijiet meħtieġa ġaladarba jkun hawn approvazzjoni.

50.8.8 Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sra. Galea, infurmat lill-membri li għalkemm intlabet kwotazzjoni mingħand ħames kumpaniji differenti, kien hemm kumpanija minnhom li wieġbet li ma kienux interessati li jressqu kwotazzjoni filwaqt li kien hemm kumpanija oħra li bagħtet il-kwotazzjoni wara d-data ta' l-għeluq.

50.8.9 Il-membri preżenti approvaw b'mod unanimu l-orħos offerta mingħand BOOM Consultancy and Advisory.

- *Laqgħa Annwali Reġjonali 2021*

50.8.10 Il-President spjega kif fis-sena preċedenti din l-laqgħa ma kinitx inżammet minħabba l-pandemija tal-COVID19 u ssuġġerixxa li din is-sena tistà tinżamm b'mod onlajn.

50.8.11 Għal din ir-raġuni, is-Segretarju Eżekuttiv għandha isejjaħ laqgħa darba s-sibt filgħodu u għandha ssir b'mod onlajn.

- *Fondi – Proġetti fil-komunitajiet*

50.8.12 Il-President informa lill-membri preżenti kif dan ir-Reġjun ma kien issottometta l-ebda applikazzjoni sad-data ta' l-għeluq minħabba li l-laqgħa biex jiġu diskussi l-proposti ma kinitx inżammet minħabba l-azzjonijiet industrijali.

50.8.13 Il-President qal li għalkemm kien hemm l-azzjonijiet industrijali għaddejjin, xorta waħda ġew sottomessi diversi applikazzjonijiet u ser ikunu qed jiġu evalwati minn bord apposta.

50.8.14 Il-President fakkar ukoll li għad hemm Kunsilli Lokali li kienu għadhom m'għamlux il-proġetti u dispjaċut għall-ammont kbir ta' fondi li ma ġewx utilizzati u ser jerġgħu jmorru lura għand il-LESA.

50.8.15 Is-Sur Fenech Adami ġibed l-attenzjoni tal-membri preżenti kif għad hemm preżenti Segretarji Eżekuttivi li għad ma jafux xi skemi hemm, kemm dawk maħruġa mid-Dipartiment, mill-LESA kif ukoll minn dan ir-Reġjun.

- *L-iskema ta' Ħaddiema Addizzjonali tal-Community Workers Scheme għall-2020*

50.8.16 Il-president ressaq fuq il-mejda emejl li dan ir-Reġjun irċieva mingħand id-Direttur Ġenerali, is-Sur Natalino Attard, dwar li- Dan ir-Reġjun wera l-interess tiegħu u peress li ser ikun hemm 18-il ħaddiem,

50.8.17 Hu żied jgħid kif għalkemm hu kien talab sabiex dawn ikunu maqsumin bejn is-sitt reġjuni, id-Dipartiment xtaq numru eżatt u aħna tlabnieħ sabiex din tkun diskussa waq laqgħa tar-Reġjun umbad tkun tistà tingħata risposta aħjar.

50.8.18 Il-President issġġerixxa li dan ir-Reġjun għandu japplika għal sitta u kien hemm qbil dwar dan mill-membri preżenti.

- *Impjegati*

50.8.19 Il-President informa lill-membri li mis-salarju ta' April 2021, l-impjegata Marthese Camilleri, żdiedet għal notch 5.

50.8.20 Il-membri qablu dwar dan.

- *Rimborż mill-LESA*

50.8.21 Dan ir-Regjun irċieva it-tielet ammont ta' €48,845.09 nhar it-Tnejn 12 ta' April 2021 mingħand l-Aġenzija LESA u dan l-ammont qiegħed inkluż fil-workings li ntbagħtu permezz ta' emejl nhar it-Tnejn 17 ta' Mejju 2021.

- *Allokazzjoni Finanzjarja*

50.8.22 Il-President informal ill-membri kif nhar it-Tlieta 30 ta' Marzu 2021, dan il-Kunsill Reġjonali kien irċieva it-tieni tranche mill-allokazzjoni finanzjarja bl-ammont ta' €161,384.

- Aġġornament fuq l-applikazjoni ENI CBC MED – Call for Capitalisation Projects

50.8.23 B'referenza għal din l-applikazzjoni, il-President spjega kif sfortunatament dan il-proġett ma ġabx biżżejjed punti u għal din ir-raġuni ma kklassifikax. Il-minimum score kien dak ta' 80/110 u l-applikazzjoni kellha score ta' 74.5.

- *Kunsill Lokali ta' l-Iklin*

50.8.24 B'Referenza għal din l-iskema, Il-President ressaq fuq il-mejda it-talba Skema Finanzjarja numru 10/2020 il-Kunsill Lokali Iklin jixtieq ibiddel it-talba oriġinali. Il-Kunsill jixtieq japplika għal dan il-fond biex jsir rinnovar tas-Sala tal-Kunsill – jinkludi tibdil tal-bieb tas-sala, stallazzjoni ta' partition, facilità ta' bathroom għal persuni bi bżonnijiet speċjali, ufficċju u kitchenette.

50.8.25 Il-President qal li dawn il-flus m'għandhomx jintnefqu minn dawn il-fondi sabiex isir rinovar u għal din ir-raġuni l-President qal li hu ma jaqbilx ma din it-talba. L-upkeep ta' l-ufficċju għandu jkun parti mill-allokazzjoni li kull Kunsill Lokali jingħata mill-allokazzjoni.

50.8.26 Wara diskussjoni qasira dwar din it-talba, il-membri preżenti qablu li l-Kunsill għandu jiġi rimborżat minn skema differenti, bħal Skema numru 1/2020 jew mill-fondi li r-Reġjun qassam għar-rimborż mill-LESA. Dan għandu jiġi komunikat lill-Kunsill Lokali.

50.8.27 Is-Sindku ta' Ħal Lija, is-Sur Anthony Dalli, talab jekk il-fondi li għandu kull Kunsill Lokali jistgħux jintużaw għas-sena li ġejja minħabba li fondi bħal tal-kultura ma setgħux jintnefqu dis-sena.

50.8.28 Is-Segretarju Eżekuttiv ġibdet l-attenzjoni li hi għand m'għandha l-ebda direzzjoni fuq kif ser jingħalqu l-kontijiet bankarji u kif saħansitra bagħtet emejl lid-Direttur Ġenerali, lis-Sur Natalino Attard, dwar dan u aktar, u nfurmana li għad iridu jgħatuna direzzjoni fuq kollox minn naħa tagħom.

50.8.29 Is-Sur Dalli talab lir-Reġjun jgħaddi l-fondi fil-kont bankarju ta' kull Kunsill Lokali sabiex dawn il-fondi ma jintilfux.

50.8.30 Is-Sgeretarju Eżekuttiv spjegat li din is-sistema li kienet tintuża qabel ma kinitx daqshekk tajba peress li l-Kunsilli Lokali ma kienux qed iressqu t-talba tagħhom dwar il-proġett li jkun ħa jsir, jew id-dokumenti mitluba ma jaslux.

50.8.31 Is-Sur Conrad Borg Manche issuġġerixxa li kull Kunsill Lokali għandu jkollu kont bankarju fuq dawn il-fondi biss u b'hekk kull Kunsill ikun jistà jgħati rendikont ta' kif qed jiġu użati l-fondi. Hu spjega wkoll li bħala Kunsill Lokali dan il-kont diġa jeżisti.

50.8.32 Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat li dan il-kont bankarju suppost kien infetaħ madwar sebgħa snin ilu meta r-Reġjun kien jqassam mid-dħul taċ-ċitazzjonijiet. Madanakollu, jidher li mhux kulħadd għandu dan il-kont. Hi spjegat ukoll li s-sistema li ġiet implimentata fuq l-iskemi Reġjonali, tidher li mxiet b'mod aħjar.

50.8.33 Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, qabel ma dak li qalet is-Sa. Galea u qal lill-membri biex min jixtieq sal laqgha li jmiss jgjhaddiua mill lagha tal kunsill sabiex dawk il-0fondi jigu uzati ghas sena d diehla. Hemm ħafna Kunsilli Min ma jżommx mad-deadline, l-ahhar laqgha tar-Reġjun ser tkun l-aħħar ċans.

50.8.34 Is-Segretarju Eżekuttiv, issuġġeriet li titlob *bank statement* tal-kont bankarju li kull Kunsill Lokali suppost li għandu miftuħ sabiex tikkonferma s-sitwa

50.8.35 Is-Sur Anthony Dalli qal li kull Kunsill Lokali għandu l-*bank statement* għandu jintbagħat kull sitt xhur.

50.8.36 Il-membri preżenti qablu dwar dan.

50.8.37 Il-President talab sabiex din l-informazzjoni tiġi ppreżentata fil-laqgħa tal-Kunsill Reġjonali li jmiss.

- *Talba mill-Kunsill Lokali ta' San Ġiljan*

50.8.39 Il-President ressaq fuq il-mejda it-talba mingħand dan il-Kunsill Lokali sabiex il-fondi minn Skema Finanzjarja 6/2020 jintużaw sabiex jinxtara żebgħa fil-Knisja ta' Lapsi. Il-fondazzjoni li tiehu ħsieb din il-knisja hija NGO uffiċjali. It-talba tagħhom hija ta' €10,000.

50.8.40 Il-membri preżenti aċċettaw din it-talba b'mod unanimu.

- *Kunsill Lokali ta' l-Imsida*

50.8.41 Il-President ressaq fuq il-mejda talba mingħand dan il-Kunsill Lokali sabiex permezz tal-fondi taħt Skema Finanzjarja numru 10/2020, jinbidel il-ħġieġ ta' sittax-il fanal dekorattiv ġo Misraħ Menqa u Triq il-Kunċizzjoni. Ser ikunu nstallati wkoll fanali ġodda ġo Misraħ Menqa u Triq il-Kunċizzjoni. L-ispiża totali ser tkun ta €4,128.28 u d-differenza ta' €1,128.28 ser tkun imħallsa mill-fondi tal-Kunsill.

50.8.42 Il-membri preżenti approvaw din it-talba b'mod unanimu.

- *Kunsill Lokali ta' Ħal Balzan*

50.8.43 Il-President ressaq fuq il-mejda talba mingħand dan il-Kunsill Lokali sabiex permezz ta' parti mill-fondi taħt Skema Finanzjarja numru 6/2020, sabiex parti mill-fondi jintużaw biex jiġi *launched* online event dokumentarju fuq Ħal Balzan. L-ispejjez relatati mal-Launch kif ukoll mal-produzzjoni ser jiġi ffinanzjati minn din l-iskema.

50.8.44 Is-Sur Fenech Adami qal li jekk ħa ssir *onlajn*, m'għandiex tkun problema ġaladarba kulħadd ikun qed iseqgi mal-protokolli maħruġa mid-Dipartiment għas-saħħa u għal din ir-raġuni ġiet approvata b'mod unanima.

- *Kunsill Lokali ta' Ta' Xbiex*

50.8.45 Il-President ressaq fuq il-mejda talba mingħand dan il-Kunsill Lokali sabiex permezz tal-fondi taħt Skema Finanzjarja numru 6/2020, jintużaw sabiex tiġi organizzata Jum Ta' Xbiex li ser tinżamm nhar is-Sibt 31 ta' Lulju 2021.

50.8.46 Il-President spjega li ma jsib l-ebda oġġezzjoni diment li l-Kunsill ikun qed jimxi mal-protokolli maħruġa mid-Dipartiment tas-Saħħa.

- *Kunsill Lokali ta' Ħ'Attard*

50.8.47 Il-President ressaq fuq il-mejda talba mingħand dan il-Kunsill Lokali sabiex permezz tal-fondi taħt Skema Finanzjarja numru 6/2020 jintużaw sabiex jiġi organizzat kunċert fis-7 t'Awwissu 2021 skont il-protokolli u retsrizzjonijiet li jkun hemm fis-seħħ dakinhar.

50.8.48 Il-President qal li jaf l-Awtorita tas-saħħa tirrilaxxa aktar miżuri qabel is-sajf u issġġerixxa li din it-talba għandha tiġi evalwata mill-ġdid fil-laqgħaa tal-Kunsill Reġjonali li jmiss.

50.8.49 Is-Sindku ta' Ħ'Attard talab sabiex imorru għal pjan alternattiv u għal din ir-raġuni kien hemm qbil li jekk sal-laqgħa li jmiss ma jkunx hemm bidliet fir-restrizzjonijiet, dawk il-Kunsilli Lokali li ressqu talbiet għal avvenimenti għandhom iresqu talba ġdida. Madanakollu, jekk ir-restrizzjonijiet jitneħħew u l-attivitajiet jistgħu jsiru, dawn it-talbiet li ġew imressqa waqt din il-laqgħa għal skema 6/2020 qed jiġu kkunsidrati bħala approvati mill-membri preżenti.

- *Kunsill Lokali ta' Birkirkara*

50.8.50 Il-President ressaq fuq il-mejda talba mingħand dan il-Kunsill Lokali sabiex permezz tal-fondi taħt Skema Finanzjarja numru 6/2020 jintużaw sabiex tinbena kċina fl-uffiċċju tal-Kunsill jammonta għal dak ta' €2,347.82.

50.8.51 Is-Sur Fenech Adami qal li din it-talba hija simili bħat-talba li ġiet imressqa mill-Kunsill Lokali ta' l-Iklin u issuġġerixxa li din it-talba għandha tiġi mħalsa minn Skema numru 1/2020.

- *Kunsill Lokali ta' Ħal Balzan*

50.8.52 Il-President ressaq fuq il-mejda talba mingħand dan il-Kunsill Lokali sabiex permezz tal-fondi taħt Skema Finanzjarja 10/2020, is-somma ta' €3,000 jintużaw sabiex tiġi rrestawrata niċċa tal-Madonna tar-Rummien li tinsab fi Triq il-Kbira k/m Triq il-Providenza. Id-Differenza ta' €1,000 ser jitħalsu mill-fondi tal-Kunsill.

50.8.53 Kien hemm qbil b'mod unanimu mill-membri preżenti.

- *Kunsill Lokali ta' l-Imsida*

50.8.54 Il-President ressaq fuq il-mejda talba mingħand dan il-Kunsill Lokali sabiex permezz tal-fondi taħt Skema Finanzjarja 1/2020 jintużaw €25,738.16 ibiddel id-dawl ġo Misraħ San Gużepp, l-Imsida. Id-differenza ta' €5,435.23 ser tinħareġ mill-Fondi tal-Kunsill Lokali. Dan l-ammont ġie identifikat wara li kienet inħarġet sejħa għall-offerti.

50.8.55 Kien hemm qbil b'mod unanimu mill-membri preżenti.

- *Kunsill Lokali ta' Ħ'Attard*

50.8.56 Il-President ressaq fuq il-mejda talba mingħand dan il-Kunsill Lokali sabiex permezz tal-fondi taħt Skema Finanzjarja abiex il-fondi taħt Skema 10/2020 jitużaw sabiex jinxtraw bankijiet għal barra li l-ammont tagħhom jammonta għal dak ta' €2,347.82.

50.8.57 Il-membri preżenti approvaw din it-talba b'mod unanimu.

- *Kunsill Lokali ta' Birkirkara*

50.8.59 Il-President ressaq fuq il-mejda talba mingħand dan il-Kunsill Lokali sabiex permezz tal-fondi tar-rimborż tal-LESA jintużaw sabiex jitranġaw il-latrina li jinsabu fis-sala tal-Kunsill – bdil tas-suffet u dawl; jinxtara air condition li ser jitpoġġa f'waħda mill-kmamar li ser tkun uffiċċju.

50.8.60 Din it-talba ġiet approvata b'mod unanimu mill-membri preżenti.

- *Kunsill Lokali ta' San Ġiljan*

50.8.61 Il-President ressaq fuq il-mejda talba mingħand dan il-Kunsill Lokali sabiex permezz tal-fondi tar-rimborż tal-LESA jintużaw sabiex isir proġett ta' tisbieħ ta' pjazza żgħira flimkien ma bini ta' karma sabiex jiġu nstallati ATMs fiha. Dan il-proġett jinstab fi stadju avvanzat u ser jiswa €26,000. Il-Kunsill Lokali huwa f'pożizzjoni li joħroġ il-kumplament tal-fondi.

50.8.62 Il-membri preżenti approvaw din it-talba b'mod unanimu.

- *Kunsill Lokali ta' Ħ'Attard*

50.8.63 Il-President ressaq fuq il-mejda talba mingħand dan il-Kunsill Lokali sabiex permezz tal-fondi taħt Skema Finanzjarja Skema 1/2020 jiġu utilizzati:
  - 2,000 maskra mingħand Telecom €4,809
  - 2,300 maskra mingħand Techpoint €5,699.40
  - Bankijiet mingħand Green Skip Services Ltd €2,347.82
  - Manutenzjoni ta' van mingħand Andrew's Garage € 625.40.

50.8.64 Il-President ġibed l-attenzjoni li t-talba għar-rimborż tal-bankijiet kienet issemmiet fit-talba preċedenti u għal din ir-raġuni s-Sur Fenech Adami talab sabiex jikkjarifikaw minn liema Skema ser jinħarġu.

50.8.65 Il-President spjega li hu ma jistax jaċċetta din it-talba meta talba bħal din ma tkunx mgħoddija mill-laqgħa tal-Kunsill

50.8.66 Wara diskussjoni fit-tul bejn il-membri preżenti, il-President talb sabiex is-Segretarju issib il-minuti fejn konna tlabna li kull Kunsill Lokali seta jixtri mingħand liema supplier irid basta jkun l-istess prezz jew orħos minn dak li ġie provdut.

50.8.67 Il-President talab sabiex il-Kunsill Lokali ta' Ħ'Attard iressaq kopja tal-minuti tal-Kunsill Lokali fejn kien hemm deċiżjoni li ġew ippreżentati l-kwotazzjonijiet meħtieġa u approvati.

- *Kuntratt man-Neptunes W.P.S.C*

50.8.68 B'referenza għal proposta li kienet ġiet diskussa f'laqgħa preċedenti tal-Kunsill Reġjonali Ċentru, l-President ressaq dan ir-Reġjun irċieva kopja ta' kuntratt bejn il-Kunsill Reġjonali Ċentru flimkien ma' Neptunes W.P.S.C dwar l-assistenza tal-fondi mill-Planning Authority.

50.8.69 Il-President qal ukoll li dan ir-Reġjun talab sabiex fil-kuntratt ikun hemm inkluż il-bdil ta' l-isem tar-Reġjun kif ukoll il-lokalitajiet u kopja ta' dan kien intbagħat għall-attenzjoni tal-membri.

50.8.70 Kien hemm diskussjoni bejn il-membri preżenti dwar dan is-suġġett u spjega wkoll li għal perjodu ta' ħames snin, dan il-klabb ser joffri żewġ *lanes* tal-pool għall-anzjani biex jintuża l-*heated pool* għal perjodu minn Ottubru sa Mejju għal erbgħa siegħat kuljum.

50.8.71 Dan il-kuntratt ġie approvat bejn il-membri preżenti.

- *SPI.SCI. 4.2021 – Korsijiet Lifelong Learning 2021/2022 Offruti mid-Direttorat għar-Riċerka, Tagħlim Tul il-Ħajja*

50.8.72 B'referenza għal din l-iskema, il-President qal li dan ir-Reġjun m'għandux il-faċilitajiet neċessarji sabiex dawn l-korsijiet ikunu jistgħu jiġu offruta. Madanakollu ħeġġeġ lil dawk il-Kunsilli Lokali li għandhom ir-riżorsi neċessarji sabiex japplikaw.

- *SPI.SCI.5.2021 – Community Inclusive Employment Scheme 2021*

50.8.73 B'referenza għal din l-iskema, il-President qal li dan ir-Reġjun diġa għandu impjegata permezz ta' din l-iskema u fil-preżent ma jinħasx il-bżonn li jkun hemm aktar impjegati.

- *IT Maintenance and Support*

50.8.74 Il-President informa lill-membri preżenti li l-kuntratt li dan ir-Reġjun għandu fil-preżenti mal-kumpanija Keyin ser jgħalaq sas-7 ta' Ġunju 2021 għal perjodu ta' sena u għal din ir-raġuni qed ġew imressqa erba' kwotazzjazjonijiet.

50.8.75 Il-membri preżenti approvaw l-orħos kwotazzjoni li kienet ppreżentata mingħand il-kumpanija C-Planet Solutions Ltd.

- *Photocopiers*

50.8.76 Il-President ressaq fuq il-mejda tliet kwotazzjonijiet għal żewġ *photocopier machines* peress li waħda skadiet F'April 2021 u l-oħra ser tiskadi f'Mejju 2021.

50.8.77 Hu spjega kif is-Segretarju Eżekuttiv ġabet parir mingħand l-IT technician dwar il-kwotazzjonijiet li ġew ppreżentati fejn hu rrakomanda li jekk iż-żewġ magni ser jinxtraw mingħand l-istess supplier, l-orħos offerta kienet dik mingħand Avantech Ltd.

50.8.78 Il-membri preżenti approvaw din ir-rakomandazzjoni.

- *Kuntratt tal-Mowbajl*

50.8.79 Il-President informa lill-membri li l-kuntratt tal-mowbajl tas-Segretarju Eżekuttiv ser jiskadi f'Ġunju 2021 u għal din ir-raġuni ġew ppreżentati tliet kwotazzjonijiet.

50.8.90 Il-membri preżenti approvaw l-orħos kwotazzjoni mingħand Melita Ltd.

- *Reġjun Lvant*

50.8.91 Il-President qal li s-Segretarju Eżekuttiv talbet direzzjoni bil-miktub mingħand id-Direttur Ġenerali, S-Sur Natalino Attard, dwar x'inhu mistenni mir-Reġjun sabiex ikun hemm il-preparazzjoni neċessarja biex jibda jopera Reġjun Lvant minn Novembru 2021 fosthom jekk iridx isir audit u jingħaqlu l-finanzi, l-istemma u fuq it-tribunal lokali.

50.8.92 Is-Sur Fenech Adami qal kif is-Sur Attard wieġeb li għandna ningħataw direzzjoni ċara aktar tard. Fuq it-Tribunal Lokali hu qal li l-post tat-tribunal għandu jkun civin jew parti mill-bini amministrattiv tar-Reġjun.

## 50.9 Vakanza Għal Deputat Reġistratur fit-Tribunal Lokali tar-Reġjun – Skala 13 (Full Time)

50.9.1 B'referenza għal din il-vakanza, il-President informa lill-membri preżenti li din il-vakanza ġiet ippublikata fuq il-Gazzetta tal-Gvern kif ukoll fuq il-gazzetti The Times of Malta u the Malta Indepenendent u fuq il-paġna uffiċċjali tar-Reġjun nhar il-Ġimgħa 12 ta' Marzu 2021. B'Kollox kien hemm 3 applikazzjonijiet.

50.9.2 Is-Sur Fenech Adami spjega kif għal din ir-raġuni għandu jinħatar bord sabiex issiru l-intervisti b'mod onlajn.

50.9.3 Kien hemm qbil bejn il-membri sabiex il-bord ikum compost mill-President flimkien mas-Sindku ta' tas-Sliema, is-Sur Anthony Chircop, is-Sindku tal-Gżira, is-Sur Conrad Borg Manche, flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv tar-Reġjun.

50.9.4 F'kaz li s-Sur Anthony Chircop ma jkunx jistà jattendi, għandu jkun preżenti s-Sindku ta' Ħal Lija, is-Sur Anthony Dalli.

## 50.10 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

50.10.1 Il-Viċi Sindku ta' San Ġiljan, is-Sur Clayton Luke Mula, sekondat mis-Sindku tal-Gżira, is-Sur Conrad Borg Manche, ressaq mozzjoni sabiex jiġu approvati l-ħlasijiet tal-pagamenti mniżżla fl-iskeda tal-pagamenti Numru 44A u 44B.

50.10.2 Il-mozzjoni għaddiet *nem.com.*

## 50.11 Mozzjonijiet

50.11.1 Il-President informa lill-membri preżenti li ma kien hemm l-ebda mozzjoni x'tiġi diskussa f'din il-laqgħa.

## 50.12 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

50.12.1 Il-laqgħa intemmet fis-7:48 ta' filgħaxija u ġiet aġġornata għal nhar il-Ħamis 17 ta' Ġunju, 2021 u fil-5:30pm.

Konfermati, illum il-Ħamis 17 ta' Ġunju, 2021.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Michael Fenech Adami<br>President | Jeanette Galea<br>Segretarju Eżekuttiv |